# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru sitta (6) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 18 t' April 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

3. **Punti mill-Minuti**

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi kien hemm erbgħa staff ta' James Caterers għall-attivita ta' Jum Ħal Safi u b'hekk il-prezz ma kienx l-istess bħal l-ewwel kwotazzjoni li l-Kunsill irċieva mill-kumpanija. Huma xorta kellhom l-irħas prezz.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat email lil Koptasin biex jibagħtu specimen tat-tabella tan-Neighbourhood Watch. Il-Kunsill jixtieq jara kif se jkunu dawn it-tabelli.

3.3 Is-Sindku qal illi l-armata qegħdin jagħmlu x-xogħol fuq il-ħajt mwaqqa f'triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat [ref: punt 8.4]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi fil-ġurnata tal-laqgħa kien hemm il-gaffa wara l-ħajt. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jidħolx f'dan ix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil

qal illi għandna nibagħtu ittra lill-ispettur biex jikmanda li dan ix-xogħol isir. Fl-istess ħin, il-Kunsill għandu jagħmel talba biex l-ispettur jattendi l-laqgħa li jmiss u jiltaqa mal-Kunsill il-ġdid.

3.4 Is-Sindku qal illi bis-sleeping police l-karozzi ma jsuqux b'veloċita f'triq San Ġwann [ref: punt nos 8.6] u jemmen illi jekk saru double yellow lines fuq il-post se tiżdied il-periklu għax il-karrozzi jipparkjaw in-naħa l-oħra tat-triq. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal li jagħmlu ikraħ kif jipparkjaw hemm. Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona li jsir spażju għall-karozza waħda, iżda s-Sindku qal illi dan ikun diffiċli. Il-Kunsill qabel illi hemm problemi tal-parking fir-raħal.

3.5 Il-Viċi Sindku qal illi reġa ċċekja l-artiklu [ref: punt nos 8.8] fil-gazzetta MaltaToday u hemm miktub li l-eks Sindku Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm €233,000 għaċ-Child Care Centre. Il-kunsilliera li għamlu parti mill-leġislatura preċedenti, u s-Segretarju Eżekuttiv, ikkonfermaw illi dak mhux l-ammont li hemm għaċ-Child Care Centre, u l-ammont illi l-Kunsill għandu huwa dak li kien hemm fil-Bank Statements.

3.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jaf bejn 5-7 tfal mir-raħal li ċert li jagħmlu użu tal-Skate Park li ġie ppropostа fil-laqgħa. Dawn għamlu ftit 'diagrams' u 'videos' dwar kif ikunu dawn il-'Parks'. Hu ppropona li jintegraw ruħhom ħalli jidħlu f'assoċjazzjoni u qal illi diġa qegħdin jużaw il-facebook bħala mezz biex jixxandru l-pjanijiet tagħhom. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nagħmlu affarijiet għat-tfal tar-raħal iżda jemmen li 5 tfal huma ftit u qal illi l-park jibda jintuża minn nies ta' irħula differenti wara li l-infieq joħroġ kollu mill-Kunsill. Il-Kunsill jixtieq illi jkun hemm 'demand' aħjar mit-tfal tar-raħal l-ewwel. Is-Sindku qal li dan il-proġett, kieku, jsir fl-area ta' Ġawħar u jsir ġnien madwar il-Park. Qal ukoll li l-ġenituri jkollhom iċ-ċwievet u li huma jkunu responsabbli għal dak li jiġri hemm ġew.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm madwar 4 minn nies li jużaw it-trasport sad-Day Centre taż-Żurrieq [ref: punt nos 8.11]. Il-kunsilliera jemmnu li x-xufier qed jitlob wisq flus. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal li hemm bżonn ta' korrespondenza mas-sinjorina Bernardette Psaila li taħdem fid-Dipartiment tal-Anżjani biex naraw jekk huma rċevew l-istess talba.

3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qalu li l-Perit mar l-iskola biex jara l-post fejn għanda ssir it-tinda. Hu qal li d-daħla għanda tkun ġo waħda mill-klassijiet iżda xorta għanda ssir rampa twila ħafna minħabba n-nies bid-diżabilita. Hu se jara kif ix-xogħol jista jsir. Ippropona wkoll illi jkun hemm 'lift' għall-wheelchairs. Il-Kunsill qabel li l-Kap tal-iskola għanda ssib xi fondi li huma allokati għall-proġetti għall-iskejjel.

**Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-6pm mal-wasla tal-Kumitat tal-football.**

## 4. Laqgħa mal-kumitat tal-football

4.1 Is-Sindku rringrazzja lil membri li ġew u qal li l-Kunsill se jagħti l-għajnuna fejn jista. Qal ukoll li l-kunsillier Carlo Stivala hu responsabbli għall-isport fir-raħal.

4.2 Is-Segretarju tal-Kumitat qal li għamlu talba lil Kunsill Malti għall-Isport [KMS] biex joħorġu 70% tal-ispejjez għal kirja tal-grawnd. Din it-talba ġiet aċċettata. Huma talbu lill-Kunsill għat-30% li baqa iżda l-Kunsill avża li dan ma jistax isir għax donazzjonijiet ma jistgħux isiru mill-Kunsill (Artiklu 63 mill-Att tal-Kunsilli Kap 363).

4.3 Il-President tal-Kumitat Patrick Bongailas qal li jixtieq illi jkun hemm 3 ‘training session’ fil-ġimgħa għat-tim u għandhom bżonn €15 għall kull session. Qal ukoll illi l-Malta Football Association [MFA] mhux se joffru flus. Qal ukoll li għandhom sat-15 ta’ Mejju biex jagħtu lista tat-tim lill-MFA biex jidħlu fit-3 diviżjoni, waqt illi għandhom bżonn jindikaw grawnd, u indirizz uffiċjali tal-Kumitat, ma dan id-deadline. Il-Kumitat diġa għandu ħsieb għal post bħala indirizz uffiċjali tagħhom, iżda esprimew illi għandhom diffikulta biex isibu grawnd. Il-kunsillier Publio Abdilla qal li s-sena l-oħra kien sar laqgħa mal-brigadier tal-Armata fejn intqal li nistgħu nagħmlu użu tal-grawnd ta’ Ħal Kirkop. Membri tal-Kumitat qalu li l-armata qalulhom li hemm kuntratt ma’ Ħal Kirkop F.C għall-użu tal-grawnd. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi hu ma qabilx mad-deċizzjoni li raħal differenti jista jagħmel użu ta’ grawnd fil-konfini tar-raħal tagħna u jwaqfuna l-opportunita biex nagħmlu tim.

4.4 Il-kunsillier Publio Abdilla ppropona li jitrenjaw darba fil-ġimgħa hemm u darbtejn fl-iskola sabiex jevitaw spejjez [ta’ €15 għall kull darba li jsir użu tal-grawnd]. Is-sur Patrick Bongailas qal illi jemmen li jkun hemm konflitt mal-Kirkop jekk nagħmlu użu mill-grawnd mingħajr permess tagħhom u qal li se jara mal-kowċ tagħhom rigward meta l-grawnd ikun vojt. Is-Segretarju tal-Kumitat qal li l-grawnd dejjem qed jintuża.

4.5 Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona xi grawnds oħrajn li forsi jkunu jistgħu jużaw. Il-Kumitat għandhom jagħmlu riċerka fuq il-possibilitajiet li jintużaw dawn il-grawnds.

4.6 Is-Segretarju tal-Kumitat qal illi jixtiequ jagħmlu 1-day tournament fis-27 ta' Mejju biex jiġbru fondi u talbu li jużaw il-grawnd tan-nursery. Il-Kunsill aċċetta t-talba. Għamlu talba għal heart-beat monitors iżda l-Kunsill reġa qal li ma jistgħux joħorġu flus għalihom. B'hekk il-Kumitat għandu jfittex għal xi sponsors.

4.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal li għandhom jaraw jekk jistgħu jirreġistraw il-grawnd tan-Nursery għalissa sakemm isibu grawnd adekwat.

4.8 Fis- 6.45pm, ma tmiem il-punti kollha li kienu għad-diskors mal-Kumitat, ir-rappreżentanti tal-Kunsill u tal-Kumitat irringrazzjaw lil xulxin u l-membri tal-Kumitat ħarġu mill-Kamra tas-Seduti barra s-sur Patrick Bongailas

**Fis- 6.45pm waslet in-nutara Mary Camilleri Cutajar u uħud mill-individwi [is-sur Patrick Bongailas li kien diġa preżenti, u s-sur Jerome Busuttil] li kkontestaw l-elezzjonijiet tal-Kunsilli biex jiddikjaraw l-ispejjez li ħarġu għall-kampanji tagħhom.**

**5. Dikjarazzjoni tal-flus li ħarġu l-kunsilliera għall-kampanji elettorarji tagħhom.**

5.1 Dr. Mary Camilleri Cutajar awgurat il-Kunsill il-ġdid.

5.2 Il-kunsilliera, u l-oħrajn preżenti, iffirmaw il-karti tagħhom, flimkien man-nutara.

5.3 Dr. Camilleri Cutajar saqsiet għal ftit informazzjoni dwar it-talba għall-basketball rings li kienet tressqet fil-passat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ltaqa ma persuna nkarigat mill-KMS biex jisma l-pariri tiegħu fuq fejn għandhom isiru l-boards, waqt li qal illi fl-istess ħin il-Kunsill u l-iskola se jkollhom jaraw ir-regoli li hemm biex jintuża l-courtyard tal-iskola wara l-ħin tal-iskola.

5.4 Mat-tmiem tal-ispjegazzjoni Dr. Camilleri Cutajar irringrazjat lill-Kunsill. Il-Kunsill irringrazzjaw lilha għall-ħin tagħha, u ħarġet mill-kamra tal-Kunsill.

**6. Korrespondenza**

6.1 Is-sur Joe Farrugia bagħat ittra fejn talab, f'isem il-Ħal Safin u n-nies mir-raħal tiegħu, iż-Żurrieq, biex Żurrieq Road terġa ssir two-way. Il-Kunsill ma qabilx mat-talba għax tmur kontra l-iskop tad-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill fil-passat biex jaqtgħu t-traffiku. Il-Kunsill qabel ukoll li m'hemm l-ebda raġuni biex tinqaleb id-deċiżjoni waqt li qalu li hu [bħala kandidat tad-Distrett] ma kellux jibgħat l-ittra eżatt wara l-elezzjonijiet u qabel ma' ħadu l-ġurament il-kunsilliera.

6.2 Polidano Brothers Limited, avolja aċċettaw illi t-talba għas-sleeping police f'triq il-Feniċi ma sarx mill-Kunsill, qalu li mhux se jagħmlu x-xogħol mingħajr ħlas. Il-Kunsill se jesiġi li jsir hekk peress li x-xogħol sar mingħajr il-kunsens tal-Kunsill.

6.3 Is-sur Robert Galea bagħat ittra fejn jixtieq joffri s-servizzi tiegħu fis-Sala tal-Kunsill. Dan joffri informazzjoni dwar is-saħħa u jgħin in-nies biex jieqfu jpejpu.

6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku qalu li l-Kunsill se jkompli jaħdem bl-istess mod bħal qabel fejn jidħol il-WSC.

6.5 L-iskola ta' St. Benedict's ta' Tarxien qalu li qegħdin jagħmlu skema fejn l-irħula minn fejn jiġu studenti tagħhom se jkollhom l-opportunita biex jisponsorjaw li jagħmlu siġar fil-lokalitajiet involuti. Qalu wkoll jekk dan isir għall-iskopijiet edukattivi, il-Kunsill ikollu opportunita biex jieħu dan il-flus lura. Il-Kunsill jixtieq iżjed informazzjoni.

6.6 Il-Kunsill irċieva talba biex isir xogħol tar-restawr fuq 'demarcation sign' illi hemm fejn il-Mitħna tax-Xarolla. Il-Kunsill ma qabilx mal-informazzjoni fl-email dwar dan għax fil-fatt mhix demarcation sign.

**7. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

7.1 Il-Kunsill approva l-iskema tal-pagamenti.

**8. Jum Ħal Safi**

8.1 Il-kunsilliera ddiskutew l-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi u ħarġu b'xi suġġerimenti u lmenti. Il-Viċi Sindku qal illi:

- Is-siġġijiet/premijiet għandhom ikunu f'posthom filgħodu. Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku spjegaw xi affarijiet li ġraw qabel is-serata u minħabba fihom is-siġġijiet ma kienux f'posthom fil-ħin. Is-sena d-dieħla l-librerija ma tiftaħx is-Sibt filgħodu biex ikun hemm ħin li dan ix-xogħol isir.
- Hemm bżonn ta' programm biex in-nies ikunu jafu min se jitla fuq il-palk.
- Hemm bżonn t'usher li juri n-nies li għandhom postijiet riservati fejn għandhom joqogħdu
- Għandna nużaw laptop għal mużika u mhux ir-radju.
- Għandna nagħmlu tvalja u l-arma ta' Ħal Safi u mhux il-bandiera tar-raħal fuq il-mejda. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-passat dejjem kien hemm bandiera fuq il-mejda u għalhekk sar hekk din id-darba ukoll.

Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi:

- Kellna nagħtu premju lil dawk li ġew mill-Għaqda Ortikulturali u li t-tazzi li ħadu n-nies kellhom ikunu bħall-oħrajn. Fuq dan il-punt, is-Segretarju Eżekuttiv qal illi bħala ringrazzjament huma għandhom id-dritt jippublikaw artiklu fuq id-deċiżjoni li ħadu fir-raħal tagħna, waqt li aħna stess nagħmlu advert għalihom fil-fuljett tal-Kunsill. Is-Segretarju qal ukoll illi t-tazzi kienu mill-Għaqda stess, u mhux mill-Kunsill.
- Għandna ngħidu lil Media biex ikunu preżenti waqt il-marċ tal-banda tal-Ħadd. Il-Kunsill qabel unaniment
- Hemm bżonn ta' molla mal-bieb li tagħti għat-toilets. Is-Segretarju qal illi xorta se jkun hemm nies deħlin u ħerġin minn hemm u għalhekk ippropona li jkun hemm purtieri jew ngħalqu dak it-toilet u niftħu dak ta' ħdejħ. Is-Sindku qal ukoll illi bil-molla tkun hemm ħoss kull darba li tagħlaq u jkun hemm il-microphone viċin.
- L-ispeakers għandhom jitressqu l-quddiem

Is-Sindku ppropona li:

- It-tfal jikantaw kanżunetta waħda biss.

- Ma ndumux daqshekk għax is-serata tas-Sibt kienet pjutost twila.

**9. Laqgħa mal-Firetech/is-sur Leonard Falzon [basketball]/Oliver Friggieri tal-MTA [dwar il-proġett fl-area tal-Ħlantun]/Wasteserv**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li rappreżentant tal-Firetech dar mal-Kunsill, il-librerija u s-Sala u qal illi hemm bżonn ta' servicing tal-fire extinguishers eżistenti. Fl-istess ħin il-Kunsill għandu jixtri fire extinguishers ġodda biex inkunu mexjin mal-istandards tal-esperti. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa jekk il-kunsilliera jippreferu li nixtru smoke detectors [kif ukoll l-extinguishers], jew inkella sistema tal-alarm tan-nar. Il-Kunsill qabel illi jekk inkunu 'covered' mill-insurance bid-detectors, nistgħu nixtru dawk.

9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ltaqa mas-sur Leonard Farrugia li hu l-kap tal- Basketball Promotion Unit. Is-sur Falzon dar mal-courtyard u qal li l-Kunsill jista jixtri portable rings tal-basketball. Il-kunsilliera qablu li għalissa nagħmlu board mal-ħajt, u jekk naraw illi jkun hemm 'demand' nistgħu nixtru dawn il-portable rings wara. L-iskola għanda tara kif in-nies jistgħu jakkwistaw permess biex jużaw il-post wara l-ħin tal-iskola.

9.3 Is-Sindku, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mar-rappreżentanti tal-WasteServe biex jiġi diskuss il-kuntratt il-ġdid. Intqal illi kull nhar ta' Tlieta l-kumpanija se jiġbru biss il-boroż il-ħodor minn Lulju. Qabel dan, se jkun hemm korsijiet edukattivi, kif ukoll rappreżentanti tal-kumpanija se jduru mar-raħal biex jagħtu pariri lin-nies dwar l-importanza tas-suċċess ta' din l-iskema.

9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku taw detalji tal-laqgħa li kellhom mal-MTA dwar il-proġett li se jibda fil-Ħlantun. Waqt il-laqgħa s-Sindku ppropona fejn għandhom isiru l-kameras u talab li jsir xi xogħol ma waħda mit-toroq fejn se ssir il-proġett. L-għan tal-proġett huwa sabiex jiġu iżjed turisti lejn dawn in-naħat u l-MTA jixtiequ jagħmlu 'mixjiet' illi jgħaddu minn fejn se jsir il-proġett.

**10. Ħwejjeġ oħra**

10.1 Is-Sindku ppropona li jsir xogħol tar-restawr fuq il-faċċata tal-Kunsill.

10.2 Kien hemm diskussjoni fuq kif se jintużaw l-fondi tal-UIF. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ippropona li nagħmlu statwi għal knisja. Is-Sindku qal li peress li hemm problema tal-parking mar-raħal jemmen illi għandna nagħmlu 'embellishment' ta' ġnien Dun Karm Vella u nagħmlu postijiet tal parking f'parti mill-ġnien.

10.3 Il-kunsilliera qablu li jinxtara portable desk għal użu tal-Kunsill.

10.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kif intqal fil-passat, hemm bżonn ta' Notice Board fil-pjazza.

10.5 Ġie diskuss il-problema tal-karozzi li hemm f'triq San Tumas, speċjalment għal perikli li hemm għat-tfal li jkunu qegħdin jistennew biex jidħlu fil-Mużew tas-subien. Is-Sindku ppropona li [f'triq San Tumas] minn tarf ta' triq it-Twemmien 'l isfel isir one way u b'hekk karozzi neżlin minn triq San Tumas għandhom jgħaddu minn triq it-Twemmin [li ssir two-way]. Bħala alternattivi ġie diskuss il-possibilita li nagħmlu rampa. Il-kunsillier Publius Abdilla qal li għandna nqisu s-sigurta tan-nies qabel ma jsir dibattitu fuq l-ispejjeż għal dawn ix-xogħolijiet. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi kemm id-darba jara tfal jiġru hemmhekk u jiġu karrozzi sparati. Esprema l-biża tiegħu li dalwaqt ikun hemm xi aċċident. Il-Kunsill qabel illi aħjar isiru tabelli u t-triq isir one way milli nagħmlu rampi.

10.6 Is-Sindku għamel suġġeriment biex il-Kunsill jagħmel irħama tas-Sindki fl-entrata tal-Kunsill.

10.7 Is-Sindku qal li rċieva talba biex is-Summer School tkun għal ħames t'ijiem fil-ġimgħa minflok tlieta. Il-Kunsill iddeċċieda li naraw id-demand minn nies rigward dan ir-rikwest.

10.8 Is-Sindku qal li f'triq il-Menqa hemm biċċa mit-triq li niżlet u għanda bżonn tiġi rranġata. Qal ukoll li hemm bżonn ta' patching f'triq il-Kuċċard.

10.9 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva lment dwar il-Bring-In Sites. Persuna qafel qtates ħajjin ġo borża u tefahom ġol-BIS tal-ħġieġ. Dan huwa każ t'abbuż kontra l-annimali kif ukoll abbuż mill-użu tal-BIS. Il-Kunsill qabel li għandna nsibu l-aħjar soluzzjoni rigward is-sorveljenza ta' dawn is-Sites. Is-

Sindku ppropona li nsibu decoder għal kamera waħda u nixtru kaxxi watertight mal-arbli fejn nkunu nistgħu nieħdu filmati. Ippropona wkoll illi naraw kemm jiswew il-photovoltaic. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġġerixxa portable kamera.

10.12 Il-Viċi Sindku Johan Mula ta ftit informazzjoni dwar laqgħa li attenda tal-MTA. Dawn qegħdin jipruvaw jgħaqdu l-ħames irħula ta' wara l-mina [Ħal Safi, iż-Żurrieq, il-Qrendi, Ħal Kirkop u l-Imqabba] biex nipparteċipaw fl-iskema tagħhom biex nagħtu promozzjoni tal-irħula fil-qasmiet kulturali u turistiku. Kunsilli għandhom jidentifikaw postijiet ta' interess, waqt illi hemm ħsieb illi jkun hemm mappa turistika tal-ħames irħula. Il-Viċi Sindku jemmen illi għandna nagħtu sehemna f'dan il-proġett.

10.13 Il-kunsillier Carlo Stivala qajjem is-suġġett dwar xi problemi eżistenti f'triq Salvu Cauchi rigward kaxxi tal-parkeġġ. Is-Sindku qal illi l-kaxxi għandhom isiru skond il-liġi biss u se jara kif se nwaqqfu dawn il-problemi li hemm f'triq Salvu Cauchi. Fl-istess ħin qal illi meta hemm problemi bejn residenti rigward fejn jistgħu/ma jistgħux jipparkjaw, dawn għandhom imorru s'għand il-pulizija u mhux sal-Kunsill.

10.14 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm bozza f'triq San Pawl illi dejjem tinqata.

10.15 Il-Viċi Sindku saqsa lis-S.E jekk kien hemm ilment ieħor rigward id-dgħajsa f'triq in-Nassaba. Wara li s-S.E qal le l-Viċi Sindku qal illi hemm bżonn in-numru tal-persuna u li nikkontatjaw tal-Maritime u l-pulizija biex jieħdu azzjoni.

10.16 Is-Sindku qal illi hemm bżonn li nirranġaw Misraħ San Mattew għax hemm iż-żibel barra. Il-Kunsill se joħroġ 'notice' lil persuna responsabli biex ngħidu li għandu ġimgħatejn ċans biex jiżbarazza kollox. Jekk dan ix-xogħol ma jsirx il-Kunsill se jibgħat tal-Bulky biex jagħmel ix-xogħol u l-persuna jkollu jħallas għax-xogħol.

10.17 Il-Viċi Sindku qal li għandna bżonn insaħħu r-relazzjonijiet mar-residenti via l-medja. Hu ppropona website u paġna fuq facebook f'isem il-Kunsill.

10.18 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi attenda kors tal-Customer Care li ħalla impressjoni kbira fuqu u jemmen illi l-Kunsill għandu joffri dan il-kors fis-sala għan-nies tar-raħal. Hu jemmen illi għandna nagħmlu madwar 5 lezzjonijiet ta siegħa kull waħda. Il-Kunsill se jara jekk hemm 'demand' għal dan it-tip ta' kors. Qal ukoll illi l-kors jiswa €330. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jemmen li nies li jiġu

minn kumpaniji barra r-raħal għandhom iħalsu ammont differenti minn dawn in-nies li qegħdin jagħtu servizz ġor-raħal ta' Ħal Safi. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi s'issa jaf ħames nies illi huma interessati.

**11. Laqgħa li jmiss**

11,1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm,

11.2 Il-laqgħa li jmiss se tkun fid- 9 ta' Mejju 2012,

Sindku                                    Segretarju Eżekuttiv